MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Numru. 75/2009

Il-Pulizija

(Spettur Frank Anthony Tabone)

vs

ANNABELLE CAMILLERI ta' 24 sena bint Martin u Rose Mary nee' Busuttil, imwielda Pieta', Malta, nhar it-18 ta' Mejju 1985, residenti fil-fond 'seaview Crt', Flat 1, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 311185(M)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmija Annabelle Camilleri li giet akkuzata talli:

1. Fix-xahar ta' Lulju 2009, gewwa l-Ghasri, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u

li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghad-dannu ta' Joseph Cassar (I.D. No. 22259G) u/jew persuni ohra;
2. u aktar talli saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), fid-29 ta' Jannar 2009 (Magistrat Dr. Antonio Giovanni Vella), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Settembru, 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputata ghandha bzonn l-ghajnuna biex tissupera l-problemi li ghandha. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt illi l-imputata hallset id-danni kollha sofferti mill-parti leza;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 308, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-

akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hija ma tobdix l-ordni imposta fuqha llum;

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------